TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Chantelle Buttigieg

vs

A.B.B.S Ltd - Big Mat

CCT 144/23/MS

29 ta' Novembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Awwissu 2023 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thalllasha s-somma ta' elf mija u hamsa u sittin euro (€1,165.00), u dan wara li xtrat diversi oggetti mill-istess socjeta' intimata, liema oggetti qatt ma gew konsenjati.

Ra illi s-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta, izda Bernard Mifsud, rapprezenant tal-istess socjeta' intimata deher quddiem dan it-Tribunal u ta x-xiehda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontest illi fi Frar 2023, ir-rikorrenti ghamlet zewg ordnijiet minghand is-socjeta' intimata - wahda ta' €233.00 u ohra ta' €590.00 u hallset ghat-tnejn *'in full'*. L-ewwel ordni - dak ta' €233.00 gie konsenjat minghajr problemi, pero' ghal dak li jirrigwarda it-tieni ordni (Invoice SO118310), l-oggetti qatt ma gew konsenjati. Ir-rikorrenti tghid illi l-oggetti, jew diversi minnhom kienu 'in stock' u available, filwaqt illi Bernard Mifsud, min-naha tas-socjeta' intimata, ighid illi zewg items minn tmienja kienu

out of stock, u allura tawha l-option biex jew taghzel zewg items ohra jew inkella jirrifondulha l-flus lura. Mifsud ighid illi kienu qed jistennew illi ttihom id-detalji taghha tal-kont bankarju, izda qatt ma giet lura l-hanut, pero' anke quddiem dan it-Tribunal kienu disposti li jaghtuha il-hlas permezz ta' cheque.

Ikkunsidra

Ill permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qed titlob l-ammont ta' €1,165.00 - kwantu ghal hames mija u disghin euro (€590.00) - il -prezz tal-ordni li qatt ma gie konsejat lilha; u kwantu ghal hames mitt euro (€500.00) danni morali - li huwa l-massimu li dan it-Tribunal jista' jaghti skond il-ligi. Dawn flimkien jammontaw ghal €1,090.00 u mhux ghal €1,165.00 kif huwa indikat fl-avviz tar-rikorrenti. Min-naha taghha, s-socjeta' intimata qalet li hija disposta illi tirrifondilha s-somma ta' hames mija u disghin euro - u cjoe' il-prezz li hallset ghall-ordni.

Ikkunsidra

Illi apparti l-fatt illi r-rikorrenti ma gabitx prova tad-danni li hija sofríet, it-Tribunal ma jidhirlux illi c-cirkostanzi u l-fattispecie tal-kaz kienu jimmeritaw l-ghoti ta' danni morali. Filwaqt li t-Tribunal jaqbel illi c-cirkostanzi setghu kienu frustranti ghar-rikorrenti, hi ma sofriet l-ebda tbatija u li kieku marret fizikament fil-hanut, minflok uzat l-email, kienet tinqeda malajr u minghajr dewmien.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha l-ammont ta' hames mija u disghin euro (€590.00). Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru